REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 732/2010

tal-11 ta' Awwissu 2010

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana [1], u speċjalment l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna nru (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikata fil-kolonna nru (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna nru (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li informazzjoni tariffarja li torbot u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [2].

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament tfasslu b'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif tidher fl-Anness għandhom ikunu klassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur taħt l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti fit-totalità tiegħu, u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Awwissu 2010.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,
Štefan FÜLE
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Prodott fl-għamla ta' diska tal-azzar, maqtugħ minn pjanċa ċatta ffurmata bis-sħana, b'dijametru ta' madwar 187 ċm u ħxuna ta' madwar 1,5 ċm, b'toqba żgħira stampata u toqba ikbar b'forma ovali. Wara preżentazzjoni, għandu jiġi pproċessat iktar (tqattigħ u tħaffir ta' toqob addizzjonali, armar b'rimm tal-azzar u trattament tal-wiċċ u kisi) qabel ma jintuża. Dan għandu jintuża b'diska simili ta' ħxuna ta' madwar 2,5 ċm biex titqabbad xafra waħda mal-bering tax-xafra fil-qoxra ta' hekk imsejħa "turbina tar-riħ" (magna tar-riħ integrata b'ġeneratur). Ara l-istampa (*).	7326 90 98	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata permezz tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u millkitba fil-kodiċi NM 7326, 7326 90 u 7326 90 98. Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 7308 bħala parti minn struttura jew taħt it-Taqsima XVI bħala parti minn magna hija eskluża minħabba, kif ippreżentat, il-prodott ma jistax jiġi identifikat bħala "parti" billi jirrekjedi pproċessar ulterjuri. Għalhekk għandu jiġi kklassifikat skont il-materjal li minnu hu magħmul taħt il-kodiċi NM 7326 90 98 bħala artikolu tal-azzar.

(*) L-istampa għandha tintuża biss għal raġunijiet ta' informazzjoni.

